GUDJA

Minuti tad-disgħa u tlettin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali għall-Gudja li saret fl-uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 31 ta' Jannar 2012.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| | Sindku: | John Mary Calleja |
| | Viċi-Sindku: | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut u Osvaldo Pace |
| Skużat: | Kunsillier: | Anthony Dalli |

1. Approvazzjoni ta' minuti – 38/6 (20 ta' Diċembru 2011)

2. Kommunikazzjonijiet:-
   a. Sindku
   b. Viċi-Sindku
   c. Kunsilliera

3. Rapporti:-
   a. Ilmenti
   b. Ittri li ntbagħatu
   c. Ittri li rċevejna

4. Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar- Progress

5. Financial Statements 2011

6. Estimi Finanzjarji (Budget) 2012

7. Rapport Amministrattiv 2011

8. Laqgħa Pubblika – 15 ta' Frar 2012

9. Finanzi
   a. Petty Cash
   b. Skeda ta' pagamenti
   c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

10. Għeluq tal-laqgħa

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bdiet fis-5.55p.m. wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsillieri kollha preżenti.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku f'isem il-Kunsillieri kollha ta l-kondoljanzi lill-Kunsillier Sur Mark Anthony Sammut wara t-telfa tan-nannu tiegħu s-Sur Joseph M. Sammut. Is-Sindku qal li s-Sur Joseph M. Sammut kien magħruf għal ħidma tiegħu fil-fotografija dwar il-Gudja kif ukoll għas-serjeta tiegħu bħala raġel tal-familja u għar-rispett li dejjem gawda mill-Gudjani kollha.

Il-Kunsillier Sur MA Sammut irringrazzja lis-Sindku u l-Kunsillieri l-oħra kolllha għas-sentimenti espressi dwar it-telfa tan-nannu tiegħu s-Sur Joseph M. Sammut.

## 1.0 Approvazzjoni ta' minuti – 38/6 (20 ta' Diċembru 2011)

1.1 Il-minuti 38/6 tal-laqgħa tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2011 li ġew ċirkulati għand il-Kunsillieri kollha qabel il-laqgħa ġew approvati nem con.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku

2.1.1 Approvazzjoni tat-TM. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva l-approvazzjoni tat-TM dwar yellow lines fi Triq De Warsbergh Gudja rigward il-binja tas-Sur John Bilocca u għalhekk il-Kunsill kien sejjer jimxi skond l-approvazzjoni tat-TM.

2.1.2 Single yellow lines ta' metru fuq kull naħa tal-proprjeta tas-Sur Farrugia fi Triq De Warsbergh Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien sejjer jitlob lit-TM sabiex jagħti l-permess meħtieġ sabiex isiru dawn is-sinjali meħtieġa ta' traffiku u b'hekk is-Sur Farrugia jkun jista' joħroġ u jidħol fil-garaxx tiegħu mingħajr tfixkil.

2.1.3 Parking bays fi Triq l-Awrekarja u Triq il-Palma Gudja. Is-Sindku qal li qed ikun hemm disgwit dar il-parking u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob lit-TM sabiex tagħmel traffic management exercise dwar il-parking f'dawn it-toroq u b'hekk filwaqt li jsiru is-sinjali meħtieġa ikun hemm aktar ordni f'dawn it-toroq u li jonqos l-inkwiet qalb il-ġirien speċjalment meta ma jkunux jistgħu jipparkjaw il-vetturi tagħhom.

2.1.4 Bozza m'arblu fi Triq Mons. Pawlu Mallia, Gudja. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu talba sabiex issir bozza m'arblu f'din it-Triq Mons Mallia Gudja peress li f'din it-triq hemm bini li diġa qed jiġi okkupat mir-residenti.

2.1.5 Ħruġ ta' offerti. Is-Sindku qal li l-Kunsill ħareġ dawn l-offerti:-

a. Xogħlijiet fit-toroq urbani ta' aċċess fil-Gudja
b. Xogħlijiet fuq mogħdijiet pedonali u pavimentar fil-Gudja
c. Manutenzjoni ġenerali u xogħolijiet ta' tiswija ta' natura ordinarja u straodrdinajra, tiswijiet ta' bankini, mogħdijiet pedonali u xogħlijiet żgħar oħra kif ikun meħtieġ mill-Kunsill.
d. Traqqiegħ ta' toroq ta' aċċess u xogħol ieħor relatat
e. Żamma u manutenzjoni ta' parks u soft-areas fil-Gudja

Is-Sindku qal li dawn l-offerti jiġu adġudikati mill-Kunsill bl-għajnuna t'esperti u nies tekniċi kif ikun meħtieġ.

2.1.6 Kaxxa safra fi Triq Santa Katerina Gudja. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li ssir kaxxa safra peress li dan jirrigwarda bżonn dwar is-saħħa ta' resident f'din id-dar.

2.1.7 Xogħlijiet ta' asfaltar f'diversi toroq. Is-Sindku qal li dawn it-toroq segwenti:-

a. Triq San Pawl
b. Parti minn Triq il-Kbira
c. Parti minn Triq il-Fidwa
d. Wesgħet Anġlu Dalli

e. Triq Birżebbuġa
f. Triq Ħal Safi

għandhom bżonn xogħol ta' manutenzzjoni serja peress li l-maltemp għamel ħerba sħiħa u l-Kunsill kien qed jirċievi diversi ilmenti dwar dan.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jikteb lid-diversi Dipartimenti tal-Gvern u Awtoritajiet sabiex jinfurmaw lill-Kunsill dwar xi xogħlijiet maħsuba minnhom sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jippjana aħjar meta jinbarka fuq dawn ix-xogħlijiet.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jikseb l-istimi rispettivament dwar kull triq mingħand il-Perit tal-Kunsill sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jippjana u jesegwixxi x-xogħlijiet skond il-prijorita meħtieġa u skond kif jippermettu l-finanzi al-Kunsill.

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu Triq il-Kbira u Triq San Pawl għandhom ikunu lesti qabel l-aħħar ta' Settembru 2012.

2.2.0 Viċi-Sindku

2.2.1 Xogħol ta' restawr. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill għamel applikazzjoni dwar fondi għar-restawr ta' Salib tad-Dejma jew kif ukoll magħruf tal-konfini, li jinsab fl-inħawi storiku ta' Bir Miftuħ Gudja.

2.2.2 Xtiebi fit-trejqiet fl-inħawi ta' Bir Miftuħ Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li jidher li t-talba tal-Kunsill dwar dawn ix-xtiebi qed tiġi konsidrata b'mod pożittiv mid-Dipartiment tal-MRRA dwar xi sitt xtiebi. Dan id-dipartiment diġa bagħat il-perit u uffiċjali oħra fuq il-post sabiex jeżaminaw dak meħtieġ.

Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jagħti lid-dipartiment dettalji dwar il-bdiewa sabiex dawn ix-xtiebi jsiru b'konsultazzjoni mal-bdiewa u b'hekk ma jkunx hemm xi problema wara li jitwaħlu dawn ix-xtiebi.

2.2.3 Ġnien il-Ħelsien fi Triq Birżebbuġa Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-Kunsill kien qed jikkonsidra dwar dak meħtieġ mingħajr ma jkun hemm infieq kbir peress li hemm bżonn ta' infieq ieħor fuq proġetti ta' fejda b'risq ir-residenti tal-Gudja.

2.2.4 Arblu dekorattiv tad-dawl fil-ġnien ta' ħdejn il-grawnd tal-football fl-inħawi tal-Palazz ta' Bettina. Is-Sur Baldacchino qal li hemm il-ħtieġa li jisru tiswijiet fuq dan l-arblu peress li jinsab fi stat ħażin ħafna. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-kuntrattur tad-dawl Nexos sabiex jagħti stima dwar ix-xogħol meħtieġ sabiex dan l-arlbu jixgħel u jkun issebbaħ il-post fejn jinsab.

2.2.5 Użu tal-grawnd tal-Gudja United FC skond il-PPP bejn il-Kunsill u l-Gudja United FC. Is-Sur Baldacchino qal li jidher li qed issir użu sewwa ta' dan il-ftehim billi kemm tfal mill-iskola Primarja tal-Gudja, membri tal-Każini tal-baned, tfal tal-Mużew u għaqdiet oħra qed jagħmlu l-arranġamenti u jużaw dan il-grawnd bla ħlas sabiex jilgħabu kif ukoll jagħmlu eżerċizju fiżiċi.

2.3.0 Kunsillieri

2.3.1 Mark-Anthony Sammut

a. Kors dwar il-kreattivita. Is-Sur Sammut qal li kien f'kuntatt mad-diriġenti tal-Kunsill taż-Żgħażagħ li dan il-kors issir bejn Ġunju u Lulju 2012 meta ż-żgħażagħ ikunu lestew l-eżamijiet tagħhom u b'hekk ikunu aktar disponibbli sabiex jipparteċipaw f'dan il-kors dwar il-kreattivita.

Il-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lir-residenti kollha tal-Gudja sabiex wieħed jara kemm hemm interess dwar dan il-kors. Din l-ittra b'forma ta' flyer tagħati indikazzjoni tad-data proposti sabiex b'hekk il-Kunsill ikollu indikazzjoni dwar kemm l-interess kif ukoll id-dati l-aktar tajbin dwar dan il-kors li għandu jkun t'interess għal kulħadd speċjalment għaż-żgħażagħ.

b. Attivitajiet sportivi. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill għamel l-arranġamenti sabiex issiru erba' attivitajiet u programi fil-Gudja matul is-sena 2012 jinkludu 'time trial' u mountain bikes bil-lejl. Is-Sur Sammut qal li dawn l-attivitajiet sporitivi jkunu parzjalment sponsorjati mill-KMS u għgħalhekk l-Kunsill ma jkunx qed iġorr l-ispiża kollha filwaqt li jkun ta' servizz għan-nies tal-Gudja.

c. Trasport Pubbliku. Is-Sur Sammut qal li wasal iż-żmien li jkun hemm laqgħa ma' Trasport Malta (Konrad Pule u Ivan Pierre Vella) dwar il-pendenzi speċjlament dwar il-ħin li l-ewwel servizz filgħodu jasal il-Gudja minn Wied il-Għajn, servizz dirett lejn Raħal Ġdid, Servizz X3 li jieqaf ħdejn Palazzo d'Aurel u possibilment jidħol minn Triq Raymond Caruaan u affarijiet oħra speċjlament il-frekwenza tas-servizz. Il-Kunsill qabel li jitlob din il-laqgħa ma' TM mill-aktar fis possibli.

2.3.2 Osvaldo Pace

a. Attivita – Lejl Speċjali, Kulturali u Artistiku Gudjan – 28 u 29 t'April 2012. Is-Sur Pace qal li l-proposta għas-somma ta' €2,000.00 u għalhekk il-Kunsill irrid jillimita dwar dak li jagħmel waqt din l-attivita li hija maħsuba għal filgħaxija tat-28 t'April u matul il-ġurnata tad-29 t'April 2012. Is-Sur Pace qal li kien qed jipprepara li jaħdem mal-Viċi-Sindku s-Sur Baldacchino dwar il-programm u l-parteċipanti peress li din l-attivita tinovlvi l-ambjent fil-kampanja u l-kultura u storja fl-inħawi ta' Bir Miftuħ li huwa stabbilit li kien il-bidu tal-Gudja.

b. Jum il-Qari 2012. Is-Sur Pace qal li kien qed jipprepara mal-Kap ta' l-iSkola Primarja Gudja Kulleġ San Benedittu li Jum il-Qari 2012 issir għall-aħħar ta' Marzu 2012 jekk dan ikun possibli skond il-kalendarju tal-ħidma u attivitajiet ta' l-iskola.

c. Skema ta' Youth Exchanges. Is-Sur Pace qal li kien qed jaħdem mal-Kunsillier is-Sur Sammut dwar skambju ta' żgħażagħ Gudjani li jżuru l-Ewropa u żgħażagħ Ewropej jorganizzaw attivita u jżuru Malta speċjalment il-Gudja.

d. L-Orkestra tal-Kunsill. Is-Sur Pace qal li wara li kein hemm interess f'dan il-proġett huwa kien qed ikompli jaħdem dwar dan sabiex din l-orkestra tiġi varata waqt xi okkażjoni speċjali tal-Kunsill.

## 3.0 Rapporti

3.1.0 Ilmenti

3.1.1 Triq Ħal Safi Gudja. Il-Kunsill ra li din it-triq qed issoffri ħafni mill-ilma ta' l-għarar speċjalment dak li jidħol minn naħa ta' l-Ajruport Internazzjoanli ta' Malta fil-Gudja. Il-Kunsill ikkonsidra li dan l-ilma qed ikun t'inkonvenjent serju għal kull min jagħmel użu minn din it-triq kemm bħala pedestrian kif ukoll sewwieq.

Il-Kunsill qabel li jsir xogħol b'urġenza li jinfetħu l-ispralli u jsir tiswija fi triq sabiex jimtlew il-ħofor sabiex jitneħħa l-periklu anke jekk dan ikun b'mod temporanju.

Il-Kunsill qabel li lill-proġett ta' titjib għal Triq Ħal Safi, Triq Ħal Resqun u Triq il-Pluvieri jiġi diskuss mal-MEPA u Trasport Malta sabiex tinkiseb kull għajnuna possibli u l-permessi kif ikunu meħtieġa sabiex dan l-inkonvenjent serju u riskju jitneħħa darba għal dejjem mingħjar ma wieħed jitfa l-problema fuq naħat oħra ġewwa l-Gudja

3.1.2 Lista ta' l-ilmenti. Il-Kunsill ra l-lista t'ilmenti u ġie infurmat li dawn l-ilmenti jiġu konsidrati malli jaslu għand il-Kunsill u jibqgħu jiġu segwiti sakemm jiġu solvuti għas-sodisfazzjoni ta' min ikun ressaq l-ilment għand il-Kunsill.

Il-Kunsill ħa konsiderazzjoni li ħafna mill-ilmenti li jidħlu għand il-Kunsill huwa dawk dwar ħofor fit-toroq li qed jiġu kkawżati mill-ilmijiet tax-xita spissa li qed tagħmel f'dawn iż-żminijet. Il-Kunsill filwaqt li qabel li dawn it-tiswijiet għandhom issiru bla dewmien semma ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema kif assenjati mal-Kunsill u qabel li jitlob għall-ħaddiema kemm mill-ETC kif ukoll mill-IPSL bil-għan li dawn jgħinu fil-ħidma ta' manutenzzjoni meħtieġa mill-Kunsill.

3.2.0 Ittri li ntbagħtu

3.2.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li ntbagħatu mill-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress kif ikun meħtieġ.

3.3.0 Ittri li rċevejna

3.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni ta' l-ittri li rċieva l-Kunsill u qabel li jkompli jsegwi l-progress u l-interess tal-Kunsill kif ikun meħtieġ għal progress fil-ħidma tal-Kunsill.

## 4.0 Proġett tal-Mitħna Housing Estate flimkien mal-Awtorita tad-Djar- Progress

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li għandu ssir xogħol dwar rampa li taqqad maż-żewġ blokki li għandha ssir fil-biċċa art li preżentament tidher li hija miżbla u qed tagħti dehra kera lil din il-binja.

4.2 Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li sejrin jinkisbu stima dwar puġġamani tal-istainless steel kif ukoll xogħlijiet oħra li jagħti dehra aħjar tal-ħitan ta' madwar dan il-Housing Estate.

4.3 Il-Kunsill qabel ukoll li jsiru arranġamenti dwar il-posti ta' fejn jitpoġġew l-iskips ta' l-iskart domestiku u dak separat sabiex ma jkunx hemm inkonvenjent u ma tagħtix dehra kerha lil dan l-estate tal-Mitħna.

4.4 Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob laqgħa fuq il-post mal-Perit tal-Housing Authority u l-Perit tal-Kunsill u l-Kuntrattur sabiex jiġu indirizzati l-biċċiet tax-xogħol li għad fadal issir bil-għan li tintlaħaq il-kwalita tax-xogħol kif mixtieq kif ukoll li tiġi stabbilita data għal meta għandu jitlesta dan il-proġett fl-intier tiegħu u b'hekk ma jkomplix l-inkonvenjent għar-residenti.

**5.0** Financial Statements 2011

5.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-kontenut tal-financial statements għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2011 u ingħata l-ispjegazzjoni dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill għas-sena 2011.

5.2 Il-Kunsill approva dawn il-financial statements kif preżentati u qabel li dawn jigu ffirmati mis-Sindku John Mary Calleja u s-Segretarju Eżekuttiv Joseph M. Formosa u wara jiġu preżentati lill Awdituri tal-Kunsill u lill uffiċċju tal-Awditur Nazzjonali skond il-proċedura stabbilita għall-awditjar tal-Kunsill.

**6.0 Estimi Finanzjarji (Budget) 2012**

6.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tad-draft kif preżentat bħala indikazzjoni u qabel li l-Budget jiġi stabbilit wara l-Kunsill jisma l-ħtiġijiet tar-residenti tal-Gudja fil-laqgħa pubblika li għandha ssir fil-15 ta' Frar 2012.

**7.0 Rapport Amministrattiv 2011**

7.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-kontenut ta' dan ir-rapport amministrattiv kif preparat mis-Segretarju Eżekuttiv u preżentat lis-Sindku u qabel li dan ir-rapport jigi ukol preżentat u moqri waqt il-laqgħa pubblika li għandha ssir fil-15 ta' Frar 2012.

**8.0 Laqgħa Pubblika – 15 ta' Frar 2012**

8.1 Il-Kunsill ikkonferma li l-laqgħa għal pubbliku kif meħtieġa skond paragarafu 70 tal-Att Dwar il-Kunsilli Lokai Kap 363 għandha ssir fil-15 ta' Frar 2012 fis-6.00p.m. fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill b'din is-segwenti agenda:-

a. Minuti tal-laqgħa tal-lokalita' tal-Gudja li saret it-Tnejn 31 ta' Jannar 2011
b. Rapport Amministrattiv tas-sena 2011 u Pjan ta' Attivita 2012
c. Pjan ta' Ħidma 2012 – 2014
d. Proposti u approvazzjoni mill-Pubbliku Preżenti dwar il-budget tal-Kunsill għas-sena 2012
e. Għeluq tal-laqgħa

8.2 Pjan ta' ħidma għas-snin 2012 -2014. Il-Kunsill ħa konjuzjoni tad-draft ta' dan il-pjan ta' ħidma għas-snin 2012-2014 u qabel li dan għandu jiġi

preżentat waqt il-laqgħa pubblika u li jista' jiġi mibdul minn żmien għal żmien skond il-ħtiġijiet tar-residenti tal-Gudja.

## 10.0 Finanzi

10.1 Petty Cash. Il-Kunsill approva n-nefqa ta' €74.05 ta' Novembru 2011 u n-nefqa ta' €67.93 għax-xahar ta' Diċembru 2011 kif ippreżentati lill-Kunsill.

10.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti għax-xahar ta' Jannar 2012 għas-somma totali ta' €19060.93 ġie approvata kif ipreżentata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammont murija fuq l-istess skeda tal-pagamenti.

10.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

10.3.1 Il-Kunsill approva x-xogħlijiet u nefqa kif indikati f'dawn il-minuti.

10.3.2 Xogħlijiet fil-lattrini pubbliċi li hemm fil-Ġnien Raymond Caruana Gudja. Il-Kunsill qabel li jsir l-manutenzzjoni meħtieġa partikularment fil-latrina tal-irġiel u t-tank ta' fuq il-bejt jiġi protett b'xi forma ta' struttura li tatti u tagħti dehra aħjar tal-bejt meta wieħed iħares minn naħa tat-triq.

10.3.3 Xiri ta' cold asphalt. Il-Kunsill qabel li jinxtara mitt borża ta' cold asphalt sabiex il-Kunsill ikun jista' jimla l-ħofor li jinsabu fid-dviersi toroq tal-Gudja.

10.3.4 Fanal ta' dehra antika. Il-Kunsill qabel li jinxtara fanal ta' dehra antika sabiex jitpoġġa flok dak li nkiser fil-maltemp.

10.3.5 Irħama u mafkar sabiex ifakkar l-okkażjoni tal-JChallenge fil-Gudja. Il-Kunsill qabel li jħallas is-somma ta' €586 dwar din l-irħama li fiha l-armar tal-Kunsill sabiex fi żmien propizju ssir okkażjoni pubblika dwar it-twaqqif ta' dan il-mafkar fil-Ġnien Raymond Caruana Gudja.

10.3.6 Kont pendenti ta' €2,168.21. Il-Kunsill għamel referenza għal dan il-kont kif mitlub mid-ditta Denfar Concrete Supplies Ltd dwar concete li ssupplixxa. Il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill jiġi avviċinat sabiex jagħti l-isem tad-ditta li tista' tagħmel diversi toqob fil-concrete li ntefa fi Sqaq ta' Xlejli sabiex jiġi stabbilit il-ħxuna tal-concrete u jiġġustifka l-użu ta' 197jarda ta' konkos.

Il-Kunsill qabel li dawn it-testijiet issiru fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill u li r-rapport finali jingħata lill-Kunsill sabiex tittieħed deċiżjoni finali dwar dan il-pagament waqt il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

## 11.0 Għeluq tal-laqgħa

11.1 Xogħol ta' ġonna. Il-Kunsill qabel li jinforma l-kuntrattur Wilson Mifsud li l-kuntrat mhux sejjer jiġi mġedded iżjed u għalhekk jeskadi fit-29 ta' Frar 2012.

11.2 Tqassim ta' boroż ħodor mill-GreenPak. Is-Sur Baldacchino qal li fil-ġimgħat li ġejjin l-GreenPak kienet sejra tqassam il-boroż il-ħodor sabiex tkompli tinkoraġixxi s-seprazzjoni ta' l-iskart ġewwa l-Gudja.

Il-Kunsill qabel ukoll illi r-residenti tal-Gudja jiġu nfurmati illi b'seħħ is-07 ta' Marzu 2012 il-borża s-sewda li jkun fiha skart domestiku mħallast mhux se tkompli tinġabar nhar ta' Tlieta. Nhar ta' Tlieta ser tinġabar biss il-borża l-ħadra u li din il-borża ħadra għandha tinħareġ wara l-bieb qabel l-10.00a.m.

Is-Sur Baldacchino qal li l-ittra tal-Kunsill għandha tfakkar il-ħidma tal-Kunsill sabiex il-Gudja tinżamm nadifa u jkun hemm ambjent aħjar u li l-Kunsill poġġa għad-dispożizzjoni tan-nies tal-Gudja diversi possibiltajiet fejn wieħed jiddisponi mill-iskart bl-aktar mod faċli u mingħajr ħlas.

11.3 Tabelli li juru l-konfini tal-Gudja. Il-Kunsill ġibed l-attenzjoni li hemm diversi tabelli li jew inqalgħu jew jinsabu mkissra u għalhekk għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex dawn it-tabelli jerġgħu issiru u li jekk l-HSBC ma jridx jibqa sponsor ta' dawn it-tabelli jinsab sponsor ieħor jew inkella dawn it-tabelli jiġu finanzjati direttament mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ukoll li t-tabelli kemm fil-periferija tal-Gudja u dawk ta' ġewwa għandhom jingħataw il-manutenzzjoni li jixirqilhom jew anke jinbidlu għaliex tabelli mkissra jew li mg'ħandhom jidhru sewwa jagħtu dehra ħażina u jkun anke jħammġu l-ambjent.

***Aġġornament***

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30p.m. u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 29 ta' Frar 2012 fil-5.30p.m. fuq agenda li tiġi ċirkulata qabel il-laqgħa.

Joseph M. Formosa
Segretarju Eżekuttiv

John-Mary Calleja
Sindku

Approvati: _______________